MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1227/2008

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Victor u Josephine miżżewġin Galea**

Din is-sentenza hija dwar talba tal-konvenuti biex jitħallew iwieġbu għar-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi wara li għalaq iż-żmien li tagħti l-liġi għat-tweġiba.
In-notifika tal-atti saret lill-konvenuti f'idejn binthom Diandra Galea. Din xehdet hekk:
Fil-fatt hu [l-uffiċjal esekuttiv tal-qorti] tahom [l-atti tal-kawża] lili; kont sejra x-xogħol jiena u qalli "din il-karta importanti; ħalliha fejn [t]araha". X'ħin dħalt ix-xogħol jien għamilt[ha] fil-*file box* tal-*accountant*. Imbagħad ftit wara nsejna u kien ċempel l-*accountant* u qalilna li hemm karta li m'hijiex tiegħu u spjegali u … ... … [l-konvenut] mar għaliha, għall-karta, mill-ewwel.[1]

[1] Xiehda ta' Diandra Galea fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2009.

In-notifika saret sew f'idejn bint il-konvenuti għax l-art. 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi n-notifika lil persuna tista' ssir "f'idejn membru tal-familja" ta' dik il-persuna.  Dan ifisser ukoll illi, għall-għanijiet ta' notifika, dak il-membru tal-familja jitqies bħala aġent ta' min għandu jiġi notifikat, u n-nuqqas tal-aġent jitqies nuqqas ta' dak li f'ismu l-aġent jilqa' n-notifika.
Fil-każ tallum ma jistax ma jingħadx li ma kienx hemm nuqqas kolpuż ta' min laqa' n-notifika.  Minkejja t-twissija ċara tal-uffiċjal esekuttiv tal-qorti li l-kopja tal-atti li ħalla f'idejha kienet "karta importanti", bint il-konvenut telqet l-atti f'*file* ta' persuna oħra bla ma għallinqas ġibdet l-attenzjoni ta' dik il-persuna għal dan;  imbagħad insiet x'kienet għamlet u l-atti baqgħu fil-*file* sakemm xi ħadd induna bihom.
Dan ma huwiex atteġġjament skużabbli u l-qorti ma tistax, bla ma ddgħajjef is-serjetà tal-atti ġudizzjarji, tħalli li din il-leġġerezza tibqa' mingħajr ċirkostanzi.
Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-konvenuti u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża fil-kontumaċja tal-konvenuti. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------